# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 55 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 20 ta' Mejju 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea (hareġ mis-sala fis-6.47 pm) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop |

**55/01 Talba**

55/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.09 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**55/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 54.**

55/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 54/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 54/06.

**55/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 54.**

55/03/01 **Para 54/03/01**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-*service order* sabiex isir ix-xogħol ingħatat lill-Kuntrattur u diġa' tlesta x-xogħol strutturali. Suppost il-*lifter* ikun installat sal-aħħar tax-xahar. Is-SE intalbet isegwi x-xogħol.

55/03/02 **Para 54/03/02**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat li iċċekkjat il-Polza tas-Sigurta' u din hija tajba. Is-SE għandha tibgħat il-formola tal-ARMS rigward il-*metres* tad-dawl u l-ilma. Il-Kunsill kellu jiltaqgħa mas-Sur Stigter sabiex jżuru t-torri imma dan l-appuntament tħassar. Is-SE għandha tieħu ħsieb tagħmel appuntment ieħor.

55/03/03 **Para 54/03/03**:- **Ġnien tal-Ponta**: Ġiet ippreżentata l-istima mingħand ELC għat-tħawwil ta' siġar u xogħol ta' *landscaping* fil-Ġnien tal-Ponta. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill u ġie deċiż li s-SE toħrog il-*works order* wara li tiddiskuti din l-istima mal-Perit. Is-SE intalbet tkompli issegwi lil B Grima & Sons Ltd. Ġie deċiż li wara li jitħawlu is-siġar il-ġodda, jsir il-*landscaping* u jitwaħħlu il-bankijiet, *bins* u *picnic tables* il-Perit jitalab sabiex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa ħalli jinħareġ il-*Compliance certificate* mill-MEPA. Is-SE ser tiltaqa' mal-Perit sabiex jiġu riveduti l-*line items* skont l-ispejjez li fadal jitħallsu u wara tikteb lill-*Paying Agency*. Flimkien mal-Perit ser tkompli issegwi li l-kuntrattur jitħallas il-bilanċ li fadal fuq *Bill No* 3 kif ukoll li jiġi approvat il-ħlas ta' *Bill No* 4. Rigward it-tabella qed tistenna aktar dettalji mingħand il-*Paying Agency*. Rigward xogħolijiet *extra* bħal *coping* il-Perit għandu jipprovdi stima.

55/03/04 **Para 54/03/04 :- Triq San Gwann**: Il-Kunsillier Vincent Galea informa lill-Kunsill li hu reġa' kiteb lit-Transport Malta (TM) dwar il-*bollards* li tkissru fi Triq San Ġwann u l-*cat eyes* imma s'issa ma kellna l-ebda risposta.

54/03/05 **Para 53/03/05 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* etc.–** Is-SE u l-Kunsillier Alfred Muscat iltaqgħu mas-*CEO* tal-*Green MT* is-Sur Joe Attard u mas-Sinj Marcella Agius fejn iddiskutew il-kontijiet pendenti, il-konsenja tal-boroz griżi, t-tindif fejn il-*Bring-in-Site* u affarijiet oħra. Is-Sur Attard wiegħed li se jibgħat ċekk bl-ammont li kien dovut fi Frar 2014 ta' €2,310 il-ġimgħa li ġejja u l-bilanċ li jibqa' se jithallas sa l-ahhar ta' Diċembru 2014. Huwa kellu jieħu ħsieb ukoll li tintbagħat konsenja boroz griżi. Is-Sur Attard informa ukoll lill-Kunsill li fil-bidu ta' Ġunju kienu ser jinbgħatu l-*Eco Counsellors* sabiex iduru d-djar tar-residenti tar-raħal u jqassmu fuljett b'informazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart. *Green MT* ser jagħmlu wkoll riklam fuq il-fuljett tal-Kunsill.

Is-SE infurmat li l-offerti għal ġbir tal-iskart imħallat u tal-latrina u ftuħ u egħluq tal-Ġnien il-Paċi kienu infetħu f'nofsinhar u preżenti kien hemm il-Kunsillieri Alfred Muscat u l-Kunsillier Vincent A. Galea. L-offerti għas-servizz tal-Perit ukoll infetħu u kienu preżenti l-Kunsillieri Christopher Fenech u Vincent Galea. Is-SE kienet se tieħu ħsieb toħroġ is-*schedule of tenders received* u kopja tagħha tpoġġiet fin-*notice board* tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li jaħtar Bord tal-Adġudikazzjoni li jkun magħmul mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Christopher Fenech. Is-SE tkun is-segretarja tal-Bord. Dan il-Bord għandu jħejji rakkomandazzjonijiet dwar l-offerti sabiex jiġu ikkunsidrati mill-Kunsill.

Is-SE infurmat li bdiet taħdem fuq is-sejħa għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq u talbet xi informazzjoni lil-Perit D. Falzon. Kopja tat-*tender documents* iridu jintbagħtu għall-approvazzjoni tal-*Majjistral Action Group*.

55/03/06 **Para 54/03/06**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-*Euro Clean.*

55/03/07 **Para 54/03/07 :- Festival tal-Ħalib 2014** –Is-SE infurmat li kienet għada ma irċevietx l-irċevuti sabiex tkun tista' tibgħat talba lid-DLG għal rifuzjoni ta' parti mill-ispejjez.

55/03/08 **Para 54/03/09:- *Live Streaming*:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li kif tirċievi l-irċevuta fiskali hija ser tibgħat it-talba lid-DGL.

55/03/09 **Para 54/03/10:- Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li għad trid tikteb lit-TM għall-permess sabiex jeħlu t-*traffic humps.*

55/03/10 **Para 54/03/11**:- **Plakek ħdejn postijiet storiċi:**- Is-SE infurmat li għad trid toħroġ il-*works order* lis-Sur Joe Mula. Il-Viċi Sindku informa li għad irid jipprepara l-informazzjoni dwar il-Knisja Parrokkjali.

55/03/11 **Para 54/03/12:- Kunċert Mużikali u Jum Ħal Għargħur 2014:** Il-Kunsill unanimament approva l-program u l-istima mingħand is-Surmast Christopher Muscat għall-kunċert tal-11 ta' Lulju 2014. Il-Kunsillier Muscat ippreżenta lista tal-persuni li ser jiġu mistiedna. Din ġiet approvata unanimament. Is-SE għandha tieħu ħsieb toħroġ l-

inviti kif ukoll tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-Kapillan dwar *seating* eċċ. fil-Knisja Parrokkjali.

Il-Kunsill approva ukoll il-kampjuni tat-*trophies* mingħand *Glass Creations* li ser jiġu ippreżentati f'dan il-kunċert kif ukoll l-istima sabiex isiru dawn it-*trophies*. Is-SE intalbet toħroġ il-*purchase order*. Il-Kunsill unanimament approva li l-persuni li isimhom jġib l-inizjali SG, BG u GM jingħataw l-Unur Excelsior. Il-Kunsill ser ikompli jikkunsidra aktar ismijiet.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-attivitajiet relatati ma Jum ir-Raħal 2014 u unanimament approva l-attivitajiet u ħarġiet - għall-anzjani (8/7/14), żgħażagħ (12/7/14) u tfal (15/7/14). Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi nforma li għadu qed jaħdem fuq il-lista ta' kantanti għall-attivita' tas-16 ta' Lulju 2014. Is-SE intalbet sabiex tiġbor stimi għall-provvista' ta' dawl u *PA* system, transport għad-diversi ħarġiet eċċ. kif ukoll tikkomferma bil-miktub mal-Kapillan l-użu tal-bitħa viċin is-Sala Parrokkjali.

55/03/12 **Para 54/03/13:- *Business Plan* 2014 -2017:** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*Business Plan* trid ssir mis-Sindku wara li jkun ikkonsulta mal-Kunsillieri. Hija infurmat lis-Sindku li l-aħħar *Business Plan* kienet saret għas-snin 2012 – 2014.

Is-Sindku spjega lis-SE li dik il-*Business Plan* kienet saret meta inħatar il-Kunsill u fiha hemm il-pjanijiet li kien approva l-Kunsill għal din il-legistlatura. Issa li l-Kunsill wasal fl-aħħar sena tal-legistlatura s-SE trid taġġorna dik il-*Business Plan* u tikkonċentra l-aktar fuq l-proġetti kapitali li għad iridu jitlestew fosthom il-bini tal-Ġnien tal-Ponta, l-installazzjoni tal-*lifter* u l-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud. Hi għandha ukoll tirrevedi l-ispejjez rikorrenti billi tirreferi għall-Estimi Finanzjarji u r-rapport li hu kien ħejja u ressaq waqt il-Laqgħa tal-Lokalita' f'Jannar 14. Hu fakkar ukoll lis-SE sabiex tieħu ħsieb tlestiir-Rapport Amministrattiv. Kemm il-*Business Plan* u r-Rapport Amministrattiv għandhom jitressqu għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill kemm jista' jkun malajr.

55/03/13 **Para 54/03/14:-** Is-SE infurmat li għad trid tibgħat l-applikazzjoni lill-Kuntrattur sabiex jinkiseb il-permess sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza.

55/03/14 **Para 54/03/16:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li hi ċċekkjat mad-DLG dwar il-*Capital Vote 7237 – EU Funded Projects in Localities* pero il-Kunsill ma jistax jibbenefika minn din l-iskema.

55/03/15 **Para 54/03/17:- Poloz tas-Sigurta':** Is-SE infurmat il-Kunsill li għad trid tiċċekkja l-poloz eżistenti. Hija se tieħu ħsieb din il-materja mill-aktar fis possibbli.

55/03/16 **Para 54/03/21:- Talba 8114019208583 –** Is-SE infurmat li kitbet lit-TM sabiex Sqaq Warda jingħalaq permezz ta' tabelli tat-traffiku minflok *bollards*.

55/03/17 Il-Kunsillier Galea talab li jgħaddi xi informazzjoni f'dan l-istadju peress li kien ser ikollhu ikun skużat. Il-Kunsill unanimament approva. Il-Kunsillier Galea qal li hu attenda laqgħa nformattiva tat-TCTC u li tkellem mas-Sur Abela dwar il-ftehim li sar mal-Kunsill tagħna. Issa importanti li jiġi ffirmat il-ftehim kif ukoll isir il-ħlas. Il-Kunsill

talab lis-SE sabiex issegwi. Il-Kunsillier Galea talab biex jiġi skużat peress li kellu impenn ieħor. Huwa ħareġ mis-sala fis-6.47 pm.

55/03/18 **Para 54/03/23 :- *Reserved parking bay* fi Triq Indipendenza:-** Is-SE infurmat li hija kitbet lit-TM sabiex titlob l-approvazzjoni biex din titneħħa.

55/03/19 **Para 54/03/25:-** Dwar d-DVD li Viċi Sindku qal li għad irid jiġi deċiż kemm ser ikun twil dan id-DVD għalkemm mhux suppost li jkun itwal minn siegħa. Hu ser jitkellem mas-Sur E. Aquilina kemm dwar il-kontenut kif ukoll dwar l-istima sabiex isir dan id-DVD.

55/03/20 **Para 53/03/26:-** Is-SE infurmat li hija għamlet appuntament mal-Ingineer sabiex isir *inspection* tal-lift.

55/03/21 **Para 53/03/27:-** Is-SE infurmat li għad trid tordna l-*bin*.

55/03/22 **Para 53/03/28**:- Is-Sindku informa li hu kien kiteb lis-Sindku tas-Swieqi dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill rigward Triq Santa Katerina (il-parti li mir-*roundabout* twassal għas-Swieqi) tiġi *one way except for residents*.

55/03/23 **Para 54/03/29**:- Is-SE infurmat li għad trid tikteb lis-sid tal-istabbiliment li għandu ħruġ għall-vetturi fi Triq Sta Katerina sabiex iwaħħal mera oħra sabiex turi t-traffiku li jkun ġej min-naħa tar-raħal.

55/03/24 **Para 54/03/30**:- Is-SE infurmat li r-*refreshing* tal-*markings* tal-Pjazza tad-Dejma saru u l-ħaddiem beda jaħdem fuq il-*markings* ta' Triq Fidel Zarb. Il-ħaddiem l-ieħor ser jaqta l-ħaxix fid-daħla tal-*ground* u wara ikompli skont il-lista tax-xogħolijiet tat-toroq.'

55/03/25 **Para 54/03/31**:- Is-SE infurmat li għad trid tikteb lil TM dwar ix-*Shifting of a Loading/Unloading Bay*. Rigward it-tabelli li hemm bżonn jinbidlu s-SE qalet li min-naħa tal-Koptasin ma sar xejn. Il-Kunsill unanimament approva li tinġieb stima mingħand *Smart Lights* għad-dawl taz-*zebra crossing* tal-Pjazza għaliex ma jistax ikun li nibqgħu nistennew xhur sabiex jinxtraw żewġ globi peress li Koptasin ma taw l-ebda risposta. Id-dawl għandu jkun tabelli li jixgħelu bħal ma fiha z-*zebra crossing* ta' Triq Stiefnu Zerafa. Rigward it-tabelli l-oħra li ukoll ilhom pendenti ġafna s-SE intalbet tagħmel laqgħa mal-Koptasin.

55/03/26 **Para 54/03/32:- IKIDS 2014 in Għargħur:-** Minuta 54/03/17 tirreferi.

55/03/27 **Para 54/03/33**:- Is-SE infurmat li hija reggħet bgħatet *reminder* imma għadha ma rċievitx risposta mid-DLG dwar il-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud. Hi se tkompli issegwi.

55/03/28 **Para 54/03/34:-** Is-SE infurmat li kitbet lir-resident li daħal bil-karrozza tiegħu f'ħajt pubbliku fi Triq Għaxqet l-Għajn u talbitu sabiex jirranga l-ħajt.

55/03/29 **Para 54/03/35:-** Is-SE infurmat li hija kitbet għall-għajnuna tal-Ministeru tat-Trasport dwar li ċerti żoni jingħataw isem peress li l-Kunsill baqa' bla risposta. Is-SE intalbet sabiex issegwi dan il-każ.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

55/03/30 **Para 54/05/01**:- **Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Awditur**: Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva l-*Management Letter* u flimkien mas-Sindku ser tiltaqa' mal-*Accountant* sabiex tirrevedi d-dokument u tipprepara r-risposta. Kemm il-*Management Letter* kif ukoll ir-risposta ser jitressqu lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

55/03/31 **Para 54/06/02:- Sqaq il-Qiegħed** : Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-Kunsill ma kienux jistgħu iwittu l-4 jardi konkos u kienet ġiet provduta stima ta'€700 mingħand R. Pulo li tkopri x-xiri tal-konkos, it-twittija tat-triq, il-kera tal-jack hammer u dumper u x-xogħol. Il-Kunsill unanimament approva din l-istima pero qabel ma tinħareg il-*works order* ħalli jibda x-xogħol, il-Kunsillier Muscat ser jmur fuq il-post flimkien mal-kuntrattur sabiex jiġi miftiehem eżatt fejn ser isir ix-xogħol.

55/03/32 **Para 54/07/06:-** ***After School Sport Programme.*** Is-SE infurmat li ħadet ħsieb li tipprepara ċ-ċertifikati għal waqt il-prezentazzjoni.

55/03/33 **Para 54/08/01:-** Is-Sindku reġa fakkar lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw il-kontribut tagħhom għall-ħarga tal-fuljett ta' Ġunju 2014. Il-Viċi Sindku ser jieħu ħsieb ir-*running order* tal-fuljett.

55/03/34 **Para 54/08/02:-** Rigward il-*culvert* ta' Triq il-Ġnien is-SE infurmat lill-Kunsill li t-torba tneħħiet u ser isiru l-arranġament sabiex jitpoġġa żrar oħxon.

**55/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

55/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Il-Kunsill approva li jitħallas il-kont ta' €250 tat-TCTC meta jiġi ffirmat il-ftehim. Il-Kunsill unanimament approva li jitħallas il-kont pendenti tal-Abakus Labs (Booking and Company Ltd) ta' €825.17. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*. In vista ukoll tal-kumment tal-awditur rigward l-irevuti fiskali, l-Kunsill iddeċieda li ċerti pagamenti jinħarġu mill-Kunsill hekk kif tiġi provduta l-irċevuta fiskali u mhux jintbagħtu bil-posta.

**55/05 Ilmenti u Suggerimenti**

55/05/01 Ilment li resident li joqgħod fi Triq il-Mitħna kien żera xtieli fuq art pubblika. Is-SE intalbet tikteb lir-resident sabiex inneħħihom peress li huma qedin fuq art pubblika.

**55/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

55/06/01 Korrispondenza mill-*authorised officer* dwar l-*Eco Warden Schedule*. Din ġiet innotata.

55/06/02 Memo 13/2014 dwar Kwestjonarju-*Training Needs Analysis*. Din ġiet innotata.

55/06/03 Korrispondenza mill-BOV fejn għal darba oħra qed javżaw li mhux ser jinstallaw *ATM* fir-raħal. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsill innota ukoll li issa l-banek kollha kienu irrispondew u qalu li ma jridux iwaħħlu ATM fir-raħal.

55/06/04 Korrispondenza minn TM dwar *Reserved Parking Bay for Disabled Persons* fi Triq San Bartilmew. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

55/06/05 Stedina għall-konferenza Nazzjonali tal-Isport ġiet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Galea ser jintalab sabiex jattendi.

55/06/06 Suġġerimenti sabiex issir *traffic hump* fi Triq Stiefnu Zerafa. Il-Kunsill innota li talbiet simili kemm il-darba tressqu u ġew irriffjutati minn TM. Sadanittant fi Triq Stiefnu Zerafa kienu saru tabelli li juru li l-*ispeed limit* hu 30km/h.

55/06/07 Korrispondenza dwar *IKIDS 2014* ġiet innotata mill-Kunsill.

55/06/08 Stima ta' €140 għal *coach* u *minivan* (mingħajr VAT) mingħand il-*Paramount Garage* għat-transport għall-ħarġa ta' Għawdex. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

55/06/09 Korrispondenza mir-resident dwar żewġ tabelli fi Triq Fidiel Zarb. Il-Kunsill unanimament qabel li dawn it-tabelli jinbidlu u talab lis-SE sabiex toħroġ il-*purchase order.*

55/06/10 Korrispondenza mid-DGL dwar Elezzjoni Parlament Ewropew. Din ġiet innotata.

55/06/11 Korrispondenza mid-DGL dwar kif għandu jsir il-ħlas tas-*Sick Leave*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

55/06/12 Korrispondenza dwar kunċert klassiku mill-*Malta Philarmonic Orchestra*. Il-Kunsill ħa ħsieb biex jibbukkja biljetti għal dan il-kunċert għal dawk il-persuni li urew l-interess li jattendu.

55/06/13 PQ 9329 dwar spezzjonijiet li saru fuq il-*playgrounds* tal-Kunsilli. Fir-risposta għal din il-PQ intqal li l-*area* rikreattiva ta' Żgħaruna għandha tingħalaq. Is-Sindku kien wieġeb lid-DGL u spjega li fir-rapport tal-ispezzjonijiet li saru qatt ma issemma li l-*area* rikreattiva ta' Żgħaruna għandha tingħalaq. Dan ġiet approvat unanimament mill-Kunsill.

55/06/14 Korrispondenza dwar *Funding at MEUSAC - Europe for Citizens Programe - Open Calls*. Ġiet innotata mill-Kunsill.

55/06/15 Korrispondenza minn residenta dwar żbir ta' xitla, tneħħija ta' *bike chain* u *reserved parking* għar-residenti. Din ġiet diskussa mill-Kunsill u s-SE intalbet biex tibgħat risposta.

55/06/16 Stima ta' €218.30 (inkluz il-VAT) sabiex titranga l-*photocopier* tal-Kunsill. Din ġiet innotata. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli isegwi l-*performance* tal-*photocopier* qabel jiddeċiedi jekk hux *feasible* li din il-*photocopier* tiġi irranġata.

55/06/17 Korrispondenza mill-MEPA dwar lista ta' applikazzjonijiet. Din ġiet innotata.

55/06/18 Korrispondenza mill- *All Care Insurance Brokers* dwar it-tiġdid tal-Poloz tas-Sigurta'. Is-SE intalbet isegwi din il-materja u tinforma lill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li jekk inhu possibbli l-poloz għandhom jiġġeddu pero l-valuri għandhom jiġu aġġornati.

55/06/19 Ċirkulari mingħand AKL - Cirk 37/2014 - Laqgħa għall-Kunsilliera ta' Malta u Għawdex (li m' humiex Sindki) is-Sibt 21 ta' Ġunju 2014 fil-Lukanda Dolmen Resort, il-Qawra. Din ġiet innotata u l-Kunsillieri għandhom jinfurmaw lis-SE jekk hux ser jattendu ħalli tintbagħat l-applikazzjoni.

55/06/20 Korrispondenza mill-Enemalta sabiex jintefa d-dawl fi Ġnien il-Paċi sabiex ikunu jistgħu jinżabru s-siġar. Il-Kunsill qed jintalab iħallas is-somma ta' €300 mal-applikazzjoni sabiex jintefa *LV feeder* tad-dawl. Il-Kunsill innota li fil-passat l-Enemalta qatt ma talbet ħlas sabiex jintefa d-dawl. Ġie unanimament deċiż li s-SE terġa tkellem lill-Enemalta. Rigward iż-żbir tas-siġar, ix-xogħol ser isir mill-ELC. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jikri *scaffolding* sabiex ikun jista' jsir dan ix-xogħol peress li l-*high up* ma jidħolx fil-ġnien. Il-Kunsillier Fenech ser jieħu ħsieb dan ix-xogħol flimkien mas-SE.

55/06/21 Korrispondenza mill-*Majjistral Action Group* dwar *Public Porcurement-Measure 313 (Encouragement of Tourism Activities) and Measure 323 (Conservation and Upgrading of the Rural heritage).* Din ġiet innotata mill-Kunsill.

55/06/22 Korrispondenza mill-MEPA fejn ġejna infurmati li fl-*Urban Improvement Fund* hemm bilanc ta' €2,165. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

55/06/23 Rendikont mill-MEPA. Is-SE intalbet ma toħroġx ħlas peress li l-Kunsill qatt ma talab li jsiru *site visits*.

55/06/24 Talba sabiex matul il-ġranet tal-festa jinħareġ permess sabiex jintrama *bouncing castle*. Il-Kunsill unanimament ma approvax din it-talba u ikkonferma l-għan tiegħu li ma jkunx hemm żieda fil-permessi għall-kiosks eċċ għal jiem tal-festa.

**55/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

55/07/01 Il-Kunsillier Muscat informa li hu ser jistieden lill-Onor Ministru Evarist Bartolo sabiex ikun preżenti meta hu, l-Kunsillier Muscat, ser jagħti donazzjoni ta' kotba lill-Librerija Pubblika tar-raħal. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillie Muscat u s-SE intalbet sabiex tieħu ħsieb l-arranġamenti kollha meħtieġa għal din l-attivita' li aktarx ser issir fis-27 ta' Ġunju 2014. Peress li l-attivita' ser issir fl-Iskola Primarja s-SE għandha tinforma lill-Kap tal-Iskola Primarja u lill-librarian.

55/07/02 Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtara fanal ġdid sabiex jitwaħħal fil-Pjazza tad-Dejma. Is-SE intalbet toħroġ il-*Purchase Order*.

55/07/03 Il-Kunsillier Christopher Fenech semma li s-siġar li tħawwlu fis-*Searchlight Battery* għandhom bżonn li jissaqqew. Hu ser ikellem lil ELC pero l-Kunsill approva li jekk ikun hemm bżonn jinġieb *bowser* ilma.

55/07/04 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jagħmel reklam fit-3 fuljetti li jinħargu għall-okkazzjoni tal-festa ta' San Bartilmew. Dawn għandhom ikunu bħal tas-sena l-oħra. Is-SE intalbet toħroġ il-*Purchase Order*.

55/07/05 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li issir laqgħa mal-uffiċċjali tal-Pulizija li huma responsabbli mill-lokalita' tagħna. Għal din il-laqgħa għandu jiġi mistieden ukoll il-Kapillan. L-għan ta' din il-laqgħa hu sabiex niddiskutu l-preżenza tal-Pulizija waqt il-purċissjonijiet organizzati mill-Parroċċa, l-attendenza tal-Pulizija fir-raħal tagħna, r-rispons tal-Pulizija għal diversi talbiet tal-Kunsill, fosthom it-tneħħija ta' karrozzi abbandunati u rapporti li l-Kunsill jirċievi mingħand ir-residenti eċċ. Is-SE intalbet tikkoordina din il-laqgħa.

**55/08 Aġġornament**

55/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.55 pm wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta, 3 ta' Ġunju 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Louise-Anne Gusman | 3 ta' Ġunju 2014 |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv | Data |